**A.L.—tal-20XX**

**ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT**

**(KAP. 549)**

**Regolamenti tal-20XX li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Iskart**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru responsabbli għall-ambjent, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**Titolu.**
**L.S. 549.63.**

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-20XX li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Iskart u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Iskart, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali."

**Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.**

**2.** Minnufih wara r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied dan ir-regolament ġdid li ġej:

**"Separazzjoni tal-iskart fis-sors.**
**L.S. 549.40.**

**12A**. (1) Għandu jkun id-dmir ta' kull persuna li tissepara dawn il-flussi ta' skart li ġejjin fis-sors qabel il-ġbir separat tagħhom:

(a) karta;
(b) metall;
(c) plastik;
(d) ħġieġ;
(e) bijoskart; u
(f) kwalunkwe fluss ta' skart ieħor kif determinat mill-Ministru:

Iżda l-ġbir imħallat ta' ċerti flussi ta' skart jista' jsir biss jekk jitwettaq b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet ta' Skeda 3 tar-Regolamenti dwar l-Abbandun, ir-Rimi u t-Tneħħija ta' Skart fit-Toroq u f'Postijiet jew Żoni Pubbliċi;

Iżda wkoll għal dak l-iskart ġġenerat f'postijiet pubbliċi, dan l-obbligu japplika biss fejn laned taż-żibel għal-ġbir separat huma disponibbli.

(2) L-infurzar tas-subregolament (1) għandu jitwettaq b'mod gradwali f'fażijiet kif għandu jiġi preskritt mill-Ministru b'avviż fil-Gazzetta u f'konformità mar-regolament 10(4A) tar-Regolamenti dwar l-Abbandun, ir-Rimi u t-Tneħħija ta' Skart fit-Toroq u f'Postijiet jew Żoni Pubbliċi ."

DRAFT